27 ta' Diċembru, 1946.

Imhallef :

L-Onor. Prof. Dr. E. Ganado, LL.D.

Vincenzo Manicolo *versus* Spiru Damato

**Kompetenza — Liberazzjoni "ab observantia" — Spejjeż — Art. 788 (2) u art. 785 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili.**

*Meta l-Qorti tiddikjara ruħha inkompetenti minħabba l-valur, u għalhekk tilliberu l-konvenut mill-osservanza tal-kawża, l-ispejjeż għandhom jiġu riżervati għad-deċiżjoni tal-Qorti kompetenti.*

Il-Qorti, — Rat it-talba ta' l-attur għall-kundanna tal-konvenut, quddiem il-Qorti tal-Maġistrati tal-Pulizija Ġudizzjarja ta' Malta, għall-ħlas ta' dik is-somma li tiġi likwidata, u li ma teċċedix is-somma ta' £5, bħala danni lilu magħmula mill-konvenut billi daħal fil-għalqa ta' l-attur u ħadlu frott u demel; bl-ispejjeż;

Rat l-oppożizzjoni tal-konvenut li eċċepixxa li l-għalqa in kwistjoni tinsab detenuta minnu, u mhux mill-attur, u għalhekk issolleva l-eċċezzjoni ta' l-inkompetenza ta' l-Ewwel Qorti;

Rat is-sentenza mogħtija mill-Qorti fuq imsemmija fit-30 ta' Novembru 1946, fejn laqgħet l-eċċezzjoni ta' l-inkompetenza u għalhekk illiberat il-konvenut mill-osservanza tal-ġudizzju, bl-ispejjeż; wara li kkunsidrat;

Illi l-eżami dwar min huwa l-veru detentur ta' l-għalqa "de quo" għandha titqies bħala kwistjoni fejn il-valur involut mhux determinat, u għalhekk applikat l-art. 748 (1) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili;

Rat in-nota ta' l-appell ta' l-attur u ċ-ċitazzjoni tiegħu fejn talab illi s-sentenza fuq imsemmija tiġi revokata, u jiġi deċiż illi l-kawża minħabba l-eċċezzjoni tal-konvenut fejn jallega li huwa d-detentur tal-għalqa in kwistjoni hija ta' kompetenza tal-Qorti Superjuri, u għalhekk dik il-Qorti laqa' inkompetenti tieħu konjizzjoni tal-kawża u l-ispejjeż għandhom

ikunu riżervati għall-Qorti kompetenti;

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet ta' l-appellat fejn ammetta l-gravam ta' l-appellant;

*Omissis;*

Tikkunsidra;

Illi skond l-art. 758 (2) u 755 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili, l-ispejjeż f'dawn il-każijiet għandhom ikunu riżervati għad-deċiżjoni tal-Qorti kompetenti;

Tilqa' l-appell fis-sens illi l-ispejjeż ta' l-ewwel istanza għandhom ikunu riżervati għad-deċiżjoni tal-Qorti Superjuri kompetenti, u f'dan is-sens tirriforma s-sentenza li minnha hemm appell. L-ispejjeż ta' dan l-appell jitħallsu nofs minn kull parti, barra mid-dritt tar-reġistru li jitħallas mill-appellat.

---

**Tmiem ta' l-Ewwel Parti**

**tal-Volum XXXII.**

---